

31989L0618

7.12.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 357/31

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Novembru 1989

dwar kif il-pubbliku ġenerali jkun informat dwar miżuri għal ħarsien tas-saħħa li għandhom ikunu applikati u dwar passi li għandhom jittieħdu fil-każ ta' emerġenza radjoloġika

(89/618/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita' Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni, mibgħuta wara konsultazzjoni ma' grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku minn fost esperti xjentifiċi fl-Istati Membri, kif preskritt f'dak l-Artikolu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Billi l-Artikolu 2(b) tat-Trattat jippreskrivi li l-Komunita' għandha tistabbilixxi *standards* ta' sigurta uniformi biex tippoteġi s-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali;

Billi, fit-2 ta' Frar 1959, il-Kunsill adotta Direttiva li jippreskrivu *standards* bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikli kkawżati minn radjazzjonijiet li jonizzaw <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendati bid-Direttivi 80/836/Euratom <sup>(4)</sup> u 84/467/Euratom <sup>(5)</sup>;

Billi, skond l-Artikolu 24 tad-Direttiva 80/836/Euratom, l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li ħaddiema esposti għandhom jirċievu informazzjoni adegwata dwar protezzjoni kontra r-radjazzjoni;

Billi, skond l-Artikolu 45(4) ta' l-imsemmija Direttiva, kull Stat Membru għandu, fil-każ ta' inċident, jistipula l-livelli ta' interventu u miżuri li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti u r-riżorsi meħtieġa kemm f'persunal kif ukoll f'taġħmir biex ikun possibbli li tittieħed azzjoni ta' ħarsien u ż-żamma tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali;

Billi, fil-livell ta' l-Komunita', iktar elementi għandhom jiżiedu ma l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku b'żieda maż-żoni diġa koperti b' l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE

tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' xi proġetti pubbliċi u privati dwar l-ambjent <sup>(6)</sup> u bl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 82/501/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1982 dwar il-perikli ta' aċċidenti maġġuri ta' ċerti attivitajiet industrijali <sup>(7)</sup>, kif emendati bid-Direttiva 88/610/KEE <sup>(8)</sup>;

Billi l-Istati Membri kollha ffirmaw il-Konvenzjoni ta' l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika (AIEA) dwar in-Notifika Kmieni ta' Incident Nukleari;

Billi d-Deċizzjoni tal-Kunsill Nru 87/600/Euratom ta' l-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunita' għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika <sup>(9)</sup> teħtieġ li l-Istati Membri kollha li jiddeċiedu biex jieħdu miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-pubbliku ġenerali, jew bħala riżultat ta' livelli għoljin aktar minn-normal ta' radjoattivita' fl-ambjent, jew wara inċident li bih ikun hemm ħruġ sinifikanti ta' materja radjoattiva jew li bih dan aktarx se jigr, jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri milquta, jew li aktarx jintlaqtu, bil-miżuri protettivi li huma ħadu jew li ħasbu għalihom u wkoll b'kull miżuri oħra li huma ħadu jew ħasbu għalihom biex jinformaw lill-pubbliku ġenerali;

Billi xi Stati Membri diġa' ikkonkludew ftehim bilaterali dwar info-mazzjoni, koordinazzjoni u għajnuna reċiproka fil-każ ta' inċident nukleari;

Billi, fil-każ ta' inċident fi stallazzjoni nukleari fi Stat Membru, il-popolazzjoni milquta għandha tkun inkoraġġita biex tieħu azzjoni xierqa li x'aktarx għandha żżid l-effettivita' tal-miżuri ta' emerġenza meħuda jew maħsuba;

Billi s-sezzjonijiet tal-popolazzjoni li aktarx ikunu milquta mill-emerġenza radjoloġika għandhom għalhekk jingħataw informazzjoni xierqa u kontinwa bil-quddiem dwar il-miżuri maħsuba għall-protezzjoni tas-saħħa li għandhom x'jaqsmu magħhom u l-azzjoni li għandhom jieħdu fil-każ ta' emerġenza radjoloġika; billi ċerti prinċipji miftiehma u dispożizzjonijiet speċifiċi biex jinfurmaw dawn is-sezzjonijiet tal-popolazzjoni għandhom jifasslu għal dan il-għan fuq livell tal-Komunita';

Billi prinċipji u dispożizzjonijiet speċifiċi miftiehma biex jinfurmaw lill-popolazzjoni attwalment milquta minn emerġenza radjoloġika reali għandhom ukoll jifasslu;

<sup>(1)</sup> ĠU C 158, tas-26.6.1989, p. 403

<sup>(2)</sup> ĠU C 337, tal-31.12.1988, p. 67.

<sup>(3)</sup> ĠU C 11, ta' l-20.2.1959, p. 221/59.

<sup>(4)</sup> ĠU L 246, tas-17.9.1980, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 265, tal-5.10.1984, p. 4.

<sup>(6)</sup> ĠU L 175, tal-5.7.1985, p. 40.

<sup>(7)</sup> ĠU L 230, tal-5.8.1982, p. 1.

<sup>(8)</sup> ĠU L 336, tas-7.12.1988, p. 14.

<sup>(9)</sup> ĠU L 371, tat-30.12.1987, p. 76.

Billi għandhom jitqiesu wkoll, fl-informazzjoni mogħtija, dawk is-sezzjonijiet tal-popolazzjoni li joqogħdu f'żoni ta' fruntiera;

(f) l-użu ta' radjoisotopi għal ġenerazzjoni ta' elettriku f'vetturi spazjali.

Billi, barra hekk, għandhom isiru sforzi biex jissaħħu l-miżuri u l-prattiċi ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali diġà fis-seħħ fuq livell nazzjonali fil-każ ta' emerġenza radjoloġika,

### Artikolu 3

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, it-termini 'rilaxx sinifikanti ta' materjal radjoattiv u 'livelli anormali ta' radjoattività' li aktarx ikunu ta' ħsara għas-saħħa pubblika għandhom jinftehm u li jkopru sitwazzjonijiet li aktarx jirriżultaw f'membri tal-pubbliku li jkunu esposti għal dożi li jeċċedu l-limiti ta' dożi preskritti fid-Direttivi li jippreskrivu standards ta' sigurta bażika fil-Komunita' għal protezzjoni radjoloġika (<sup>1</sup>).

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

## IT-TITOLU I

### Għanijiet u definizzjonijiet

### Artikolu 4

#### Artikolu 1

Din id-Direttiva hija maħsuba biex tiddefinixxi, fuq livell tal-Komunita', għanijiet komuni dwar il-miżuri u proċeduri ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali bil-għan li titjieb il-protezzjoni dwar ħidmiet għas-saħħa fil-każ ta' emerġenza radjoloġika.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva t-termini li ġejjin għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom hawn:

(a) popolazzjoni aktarx li tintlaqat fil-każ ta' emerġenza radjoloġika:

kull grupp ta' popolazzjoni li għalih Stati Membri fasslu pjani ta' interventi fil-każ ta' emerġenza radjoloġika;

(b) popolazzjoni attwalment milquta fil-każ ta' emerġenza radjoloġika:

kull grupp ta' popolazzjoni li għalih miżuri speċifiċi ta' protezzjoni jittieħdu hekk kif tiġri emerġenza radjoloġika.

#### Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "emerġenza radjoloġika" tfisser kull sitwazzjoni:

1. li ġejja:

(a) inċident fit-territorju ta' Stat Membru li jinvolvi faċilitajiet jew attivitajiet imsemmijin fil-punt 2 li fih isir, jew jista' jsir, rilaxx sinifikanti ta' materjal radjoattiv; jew

(b) l-iskoperta, ġewwa jew barra t-territorju tiegħu, ta' livelli anormali ta' radjoattività' li aktarx ikunu ta' ħsara għas-saħħa pubblika f'dak l-Istat Membru; jew

(ċ) inċidenti minbarra dawk speċifikati f'(a) li jinvolvu faċilitajiet imsemmijin fil-punt 2 li minnhom toħroġ, jew tista' toħroġ, materja radjoattiva sinifikanti; jew

(d) inċidenti oħra li minnhom toħroġ, jew tista' toħroġ, materja radjoattiva sinifikanti;

2. li hija attribwibbli għall-faċilitajiet jew attivitajiet imsemmijin fil-punt 1 (a) u (ċ), jiġifieri.:

(a) kull reattur nukleari, ikun fejn ikun qiegħed;

(b) kull faċilita' oħra ta' ċiklu ta' karburant nukleari;

(ċ) kull faċilita' ta' maniġġjar ta' skart radjoattiv;

(d) it-trasport u l-ħażna ta' karburanti nukleari jew skart radjoattiv;

(e) il-fabbrikazzjoni, użu, ħażna, rimi u trasport ta' radjoisotopi għal finijiet ta' agrikoltura, industrija, mediċina u dawk relatati ma' xjenza u riċerka; u

## IT-TITOLU II

### Informazzjoni minn qabel

### Artikolu 5

1. Stati Membri għandhom jiżguraw li l-popolazzjoni li aktarx tintlaqat fil-każ ta' emerġenza radjoloġika tingħata informazzjoni dwar il-miżuri ta' protezzjoni għas-saħħa applikabbli għaliha u dwar l-azzjoni li għandha tiegħu fil-każ ta' din l-emerġenza.

2. L-informazzjoni mogħtija għandha għall-inqas tinkludi l-elementi preskritti f'L-Anness I.

3. Din l-informazzjoni għandha tkun komunikata lill-popolazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr ma ssir ebda talba.

4. Stati Membri għandhom jaġġornaw l-informazzjoni u jiċċirkolawha f'intervalli regolari u kull meta jsiru bidliet sinifikanti fl-arranġamenti li hija tiddeskriwi. Din l-informazzjoni għandha tkun permanentement disponibbli għall-pubbliku.

(<sup>1</sup>) Ara b'mod partikolari l-Artikolu 12 tad-Direttiva 80/836/Euratom.

## IT-TITOLU III

**Informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika***Artikolu 6*

1. Stati Membri għandhom jiżguraw li, meta tinqala' emerġenza radjoloġika, il-popolazzjoni li attwalment tintlaqat tkun infurmata bla dewmien bil-fatti ta' l-emerġenza, bil-passi li għandhom jittieħdu u, kif xieraq fil-każ partikolari, bil-miżuri ta' protezzjoni għas-saħħa applikabbli għaliha.

2. L-informazzjoni mogħtija għandha tkopri l-punti li jinsabu f'L-Anness II li huma relevanti għat-tip ta' emerġenza radjoloġika.

## IT-TITOLU IV

**Informazzjoni dwar persuni li jistgħu jkunu involuti fl-organizzazzjoni ta' għajjnuna ta' emerġenza fil-każ ta' emerġenza radjoloġika***Artikolu 7*

1. Stati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna li mhix parti mill-persunal tal-faċilitajiet u/jew li ma taħdimx fl-attivitajiet definiti fl-Artikolu 2(2) imma li tista' tkun involuta fl-organizzazzjoni ta' għajjnuna ta' emerġenza fil-każ ta' emerġenza radjoloġika tingħata informazzjoni adegwata u regolarment aġġornata dwar is-saħħa li tista' tinvolvi l-intervent tagħha u dwar il-miżuri prekawzjonarji li għandhom jittieħdu f'dan il-każ; din l-informazzjoni għandha tqis il-firxa ta' emerġenzi radjoloġiċi li jistgħu jinjalghu.

2. Hekk kif emerġenza radjoloġika isseħħ, din l-informazzjoni għandha tkun miżjuda kif xieraq, wara konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi.

## IT-TITOLU V

**Proċeduri ta' implimentazzjoni***Artikolu 8*

L-informazzjoni imsemmija f'L-Artikoli 5, 6 u 7 għandha wkoll issemmi l-awtoritajiet reponsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemminjati f'dawk l-Artikoli.

*Artikolu 9*

Proċeduri għaċ-ċirkolazzjoni ta' l-informazzjoni msemmija f'L-Artikoli 5, 6 u 7 u dawk li għalihom l-informazzjoni hija indirizzata (persuni naturali u legali għandhom ikunu determinati f'kull Stat Membru.

*Artikolu 10*

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni, jekk hi titlob hekk, bla ħsara għad-dritt ta' l-Istati Membri li jinnotifikaw din l-informazzjoni lil Stati oħra.

2. L-informazzjoni ċirkolata minn Stat Membru, skond l-Artikolu 6, għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni u lil dawk il-Membri li jintlaqtu jew li aktarx se jintlaqtu.

3. Dwar l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7, id-data relevanti għall-emerġenza radjoloġika għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, mill-iktar fis possibbli sakemm dan jista' jsir.

## IT-TITOLU VI

**Dispożizzjonijiet finali***Artikolu 11*

Din id-Direttiva m'għandux ikollha effett fuq id-dritt ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jadottaw miżuri biex jagħtu informazzjoni addizzjonali ma' dik mitluba skond din id-Direttiva.

*Artikolu 12*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard minn 24 xahar wara l-adozzjoni tagħha. Huma għandhom mill-ewwel jinfurmaw biha lill-Kummissjoni kif ukoll b'kull emendi oħra għaliha.

*Artikolu 13*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Novembru 1989.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. DUMAS

## L-ANNEX I

**Informazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu 5**

1. Fatti bażiċi dwar radjoattività 'u l-effetti tagħha fuq il-bnedmin u fuq l-ambjent.
  2. It-tipi diversi ta' emerġenza radjoloġika koperti u l-konsegwenzi tagħhom fuq il-pubbliku ġenerali u l-ambjent.
  3. Miżuri ta' emerġenza maħsuba biex iwissu, jiproteġu u jgħinu l-pubbliku ġenerali fil-każ ta' emerġenza radjoloġika.
  4. Informazzjoni xierqa dwar azzjoni li għandha tittieħed mill-pubbliku ġenerali fil-każ ta' emerġenza radjoloġika.
-

## L-ANNEX II

**Informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika msemmija f' l-Artikolu 6**

1. Fuq il-bażi tal-pjanijiet għal intervent imfasslin minn qabel fl-Istati Membri, il-popolazzjoni attwalment milquta fil-każ ta' emerġenza radjoloġika għandha malajr u regolarment tirċievi:
    - (a) informazzjoni dwar it-tip ta' emerġenza li nqalgħet u, meta possibbli, il-karatteristiċi tagħha (eż.: l-orijini tagħha, il-firxa u l-iżvilupp probabbli);
    - (b) pariri dwar il-protezzjoni li, skond l-emerġenza, jistgħu:
      - ikopru dan li ġej: restrizzjonijiet fuq il-konsum ta' xi oġġetti ta' l-ikel li aktarx se jkunu kontaminati, regoli sempliċi dwar l-iġene u d-dekontaminazzjoni, rakkomandazzjonijiet biex wieħed jibqa' f'daru, distribuzzjoni u użu ta' sustanzi protettivi, arranġamenti għal evakwazzjoni,
      - li jkunu akkompanjati, fejn meħtieġ, bi twissijiet speċjali għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni;
    - (c) stqarrijiet li jirrakkomandaw kooperazzjoni ma' struzzjonijiet jew talbiet ta' l-awtoritajiet kompetenti.
  2. Jekk l-emerġenza hija preċeduta b'fażi ta' pre-allarm, il-popolazzjoni li aktarx tkun milquta fil-każ ta' emerġenza radjoloġika għandha diġa tirċievi informazzjoni u pariri matul dik il-fażi, bħal:
    - stedina lill-popolazzjoni konċernata biex tixgħel ir-radjo jew it-televiżjoni,
    - parir preparatorju lil stabbilimenti b'responsabbiltajiet kollettivi partikolari,
    - rakkomandazzjonijiet lill-gruppi ta' xogħlijiet milquta b'mod partikolari.
  3. Dawn l-informazzjoni u pariri għandhom jiżdiedu jekk il-ħin jippermetti billi jifakkru l-fatti bażiċi dwar ir-radjoattività u l-effetti tagħha fuq il-bnedmin u fuq l-ambjent.
-